**16 ta' Marzu, 1988**

**Imħallef: –**

**Onor. Joseph D. Camilleri B.A., LL.D.**

Edward Borg *noe*

*versus*

Arthur Barbaro Sant *et noe*

**Ħlas – Modalità ta' Ħlas – Ftehim Riżoluttiv**

*L-attur fittex għal irkupru ta' kreditu. Ġie eċċepit illi l-istess attur kien aċċetta żmien u modalità ta' pagamenti.*

*Irriżulta fil-provi illi l-konvenut ma ottemperax ruħu mal-ftehim li allega hu. Il-Qorti osservat illi n-nuqqas ta' osservanza msemmija ġġib fix-xejn "ipso jure" l-ftehim allegat dwar il-modalità tal-pagament bis-saħħa tal-kondizzjoni riżoluttiva taċita li teżisti fil-kuntratti kummerċjali. Il-Qorti dehrilha wkoll illi jekk il-partijiet ftehmu li l-ftehim bil-fomm għandu jitnizzel bil-miktub huwa applikabbli d-dispożittiv ta' l-artikolu 114 tal-Kodiċi tal-Kummerċ fis-sens illi jassoġġettaw il-validità tal-ftehim għat-tħaris ta' dik il-formalità.*

Il-Qorti: –

Rat l-att taċ-ċitazzjoni li bih l-attur, wara li ppremetta li s-soċjetà konvenuta xtrat kwantità ta' flieles mingħand is-soċjetà attriċi; u premess illi s-soċjetà konvenuta għad fadlilha tagħti lis-soċjetà attriċi s-somma ta' elfejn tliet mija u ħamsa u erbgħin lira Maltija (Lm2,345.00), bilanċ ta' somma akbar; u premess illi għalkemm interpellat, il-konvenut *nomine* baqa' inadempjenti; u premess illi dan il-kreditu hu ċert likwidu u resiġibbli, u l-konvenut *nomine* fil-fehma ta' l-attur *nomine*, m'għandu l-ebda difiża valida opponibbli f'din il-kawża kontra t-talba għall-ħlas ta' dak l-ammont, kif jidher mill-affidavit hawn anness u mmarkat Dok. A;

L-istess atturi talbu li għar-raġunijiet premessi, din il-Qorti

tagħti s-sentenza u tilqa' t-talba ta' l-attur *nomine* bla ma tgħaddi għas-smigħ tal-kawża kif ipprovdut fl-artikolu 167 – 170 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili (Kap. 15), u hekk tikkundanna lill-konvenut *nomine* jħallas lill-attur *nomine* s-somma ta' Lm2,345.00, fuq imsemmija, dovuta kif intqal fuq, billi d-dejn hu ċert, likwidu u esiġibbli. Bl-ispejjeż, inklużi dawk ta' l-ittra bonarja tad-9 ta' Lulju, 1986, tal-Mandat ta' Qbid Kawtelatorju Numru 1790/86 ippreżentati fis-17 ta' Settembru, 1986; u bl-imgħaxijiet;

Rat id-dikjarazzjoni u n-nota tax-xhieda ta' l-attur;

Rat illi fl-udjenza ta' l-24 t'Ottubru 1986 il-konvenut ingħata l-permess biex jikkontesta l-kawża;

Rat in-nota ta' Eċċezzjonijiet tal-konvenut li biha eċċepixxa:

1. Illi din il-kawża hija intempestiva peress illi kien hemm ftehim bejn l-eċċipjenti u diretturi tas-soċjetà attriċi għall-ħlas tad-debitu permezz ta' pagamenti perjodiċi u metodi oħrajn, kif jirriżulta waqt it-trattazzjoni;

2. Illi, fi kwalunkwe każ, is-somma dovuta hija ta' elfejn, mija u ħamsa u erbgħin lira, tnejn u disgħin ċenteżmu (Lm2145.92), u mhux l-ammont indikat fiċ-ċitazzjoni;

3. Illi din is-somma trid titnaqqas iżjed bl-ammont ta' ħamsin lira (Lm50) dovut minħabba flieles nieqsa jew li ġew ikkonsenjati mejta;

4. Salv eċċezzjonijiet ulterjuri;

Bl-ispejjeż;

Rat id-dikjarazzjoni u n-nota tax-xhieda tal-konvenut;

Eżaminat bir-reqqa l-provi kollha li tressqu kif ukoll l-atti l-oħra kollha tal-kawża;

Semgħet it-trattazzjoni ta' l-avukati:

Ikkunsidrat:

Illi fil-mori tal-kawża l-atturi rriduċew it-talba tagħhom għas-somma ta' Lm2095.92,0 (ara noti ta' riduzzjoni a fol. 18 u 25 tal-proċess) u min-naħa tagħhom il-konvenuti rtiraw it-tieni u t-tielet eċċezzjoni (ara fol. 47);

Jirriżulta li l-konvenuti *jammettu* li huma debituri ta' l-atturi fis-somma indikata ta' Lm2095.92,0 però, fl-ewwel eċċezzjoni tagħhom qegħdin jissollevaw l-*intempestività* ta' l-azzjoni odjerna peress illi jallegaw li kien hemm ftehim għall-ħlas tad-debitu permezz ta' pagamenti perjodiċi u metodi oħra;

Illi f'din il-kawża xehed il-konvenut Arthur Barbaro Sant, l-attur Edward Borg u ġew esibiti, kontijiet u parti mill-korrispondenza skambjata bejn il-kontendenti. *Illi mill-kompless* ta' dawn il-provi jirriżulta li s-soċjetà attriċi ippruvat takkomoda s-soċjetà konvenuta għal dak li jirrigwarda l-mod tal-pagament tad-dejn li din kellha. L-attur Edward Borg sa wasal biex ippropona lill-konvenut biex iħallas "kif irid" (ara fol. 38) l-istess attur sostna li l-konvenut qallu "iva, iva, issa nirranġaw" iżda fil-fatt baqgħu qatt ma rranġaw;

Il-konvenut xehed li s-soċjetà konvenuta ngħatat *"credit facilitiy"* ta' Lm500 u hu kien ġie mogħti l-fakultà li jħallas b'rati mensili ta' Lm200 fix-xahar u f'ċertu stadju l-attur Edward Borg kien qallu li kien anke jaċċetta pagament mensili anqas; basta illi ssir "biċċa karta", ċjoè skrittura bejniethom dwar il-modalità tal-pagament. Il-konvenut kien aċċetta din il-proposta. Fil-fatt ma saret l-ebda skrittura u lanqas ma ġiet attwata l-proposta sussegwenti ta' l-avukat ta' l-attur qabel il-kawża li l-kreditu jiġi rikonoxxut b'att pubbliku;

Ikkunsidrat:

Illi in kwantu l-azzjoni tolqot il-*"credit facility"* din il-Qorti taqbel ma' l-argument espost mid-difensur ta' l-attur fis-sitt paragrafu tan-nota ta' osservazzjonijiet u għalhekk b'applikazzjoni ta' l-artikolu 1078 tal-Kodiċi Ċivili l-obbligazzjoni għall-ħlas relattiv saret dovuta bid-dekors ta' sentejn minn meta ngħatat l-istess fakultà ċjoè fis-7 ta' Ottubru 1983. Għalhekk fil-konfront ta' din il-parti tad-debitu, l-azzjoni attriċi ma hijiex intempestiva;

Ikkunsidrat:

Illi mill-provi miġbura jirriżulta li l-konvenut ma ottemperax ruħu eżattament mal-ftehim dwar il-modalità tal-pagament li hu stess semma. Infatti jekk wieħed jeżamina l-kontijiet esibiti wieħed jinduna li l-konvenut ma ħallasx kif allegatament kien miftiehem u ċjoè b'rata mensili ta' Lm200. Fil-fehma tal-Qorti n-nuqqas ta' osservanza msemmija da parti tal-konvenut ġab fix-xejn *"ipso jure"* l-ftehim allegat dwar il-modalità tal-pagament bis-saħħa tal-kondizzjoni risoluttiva taċita li teżisti fil-kuntratti kummerċjali (artikolu 117 Kodiċi tal-Kummerċ);

Inoltre, dwar l-allegazzjoni tal-konvenut li l-attur kien jaċċetta anke pagament mensili b'rati anqas minn Lm200 jirriżulta li l-attur kien qed jinsisti li ssir skrittura privata u l-konvenut kien aċċetta li jsir dan. F'dan il-kuntest din il-Qorti jidrilha li ssir applikabbli l-artikolu 114 tal-Kodiċi tal-Kummerċ li jiddisponi li jekk il-partijiet ikunu ftehmu li l-ftehim bil-fomm għandu jitnizzel bil-miktub, hu preżunt li huma riedu jassoġġettaw il-validità tiegħu għat-tħaris ta' dik il-formalità. Il-partijiet jaqblu li ebda skrittura ma ġie iffirmata u fid-dawl taċ-ċirkostanzi tal-każ jidher li kwalunkwe ftehim verbali vag kemm kien vag li seta' ntlaħaq bejn il-partijiet ma kienx validu għaliex ma ġietx osservata l-formalità msemmija;

Illi għalhekk l-ewwel eċċezzjoni tal-konvenuti, ma ġietx sostnuta u konsegwentement hu l-każ li tintlaqa' t-talba ta' l-atturi kif ridotta;

Għal dawn il-*motivi*:

Tiddeċidi billi prevja li tiċħad l-ewwel eċċezzjoni tal-konvenuti *nomine, tilqa' t-talba ta' l-atturi nomine* limitatament għas-somma ta' Lm2095.92,0 (elfejn u ħamsa u disgħin lira Maltija u tnejn u disgħin ċenteżmu) u bl-imgħaxijiet kummerċjali skond il-liġi. L-ispejjeż kollha jitħallsu mill-konvenuti *nomine*.